MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 462/2005/2

**Avviz Numru: 462/2005.**

**Fibermar Company Limited (C5962).**

**vs**

**Christian Camilleri (ID5466G)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-26 ta’ Ottubru 2010 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***“Il-Qorti;***

*Rat l-avviz promotur datat il-5 t’ Awwissu tas-sena 2005, ipprezentat quddiem din il-qorti diversament preseduta li permezz tieghu s-socjeta` attrici sejhet lill-intimat quddiem*

*din il-qorti sabiex jghid ghaliex m' ghandux ikun ikkundannat:*

*1. Illi jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet elef u tnejn u tmenin Lira Maltin, (Lm3,082), dovuti mill-intimat bhala l-bilanc tal-prezz ta' diversi prodotti lilu mibjughin u kkonsenjati mill-istess socjeta` rikorrenti;*

*2. Illi jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ulterjuri ta' hames mija u tletin Lira Maltin, (Lm530), dovuti minnu bhala l-valur ta' numru ta' prodotti lilu kkonsenjati mis-socjeta` rikorrenti, fiz-zmien illi kien qed jiggestixxi n-negozju tieghu gewwa hanut bl-isem "Fibermar Gozo" fi Triq Borg Olivier, Victoria, Ghawdex, izda li naqas li jirritorna u jrodd lura lill-istess socjeta` rikorrenti wara li ttermina l-gestjoni tal-istess imsemmi negozju;*

*3. Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kummercjali b' effett mit-28 ta' Gunju 1994, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat ngunt ghas-subizzjoni;*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata l-24 t' Ottubru tas-sena 2005, li permezz taghha l-intimat Camilleri eccepixxa s-segwenti:*

*1. Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar kontemplata fl-artikolu 2148 tal-Kodici Civili;*

*2. Il-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-artikolu 2149 tal-Kodici Civili;*

*Rat ix-xhieda prodotta quddiem din il-qorti diversament preseduta;*

*Ezaminat id-dokumenti esebiti;*

*Rat l-affidafidijiet prodotti wkoll quddiem l-istess qorti diversament preseduta;*

*Rat is-sentenza datata l-4 ta' Frar tas-sena 2009, li permezz taghha l-qorti diversament preseduta, fejn ghar-ragunijiet hemm espressi, laqghet l-eccezzjoni*

*kwinkwennali sollevata mill-intimat u rrespingiet il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-istess intimat flimkien anke, mat-talbiet fil-mertu tas-socjeta`rikorrenti;*

*Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata t-12 ta' Gunju tas-sena 2009, fejn ghar-ragunijiet hemm espressi laqghet l-appell interpost, irrevokat is-sentenza appellata u irrimandat l-atti lura lill-ewwel qorti ghall-ezami u definizzjoni minnha tat-talba tas-socjeta` rikorrenti fl-ambitu tal-provi in atti;*

*Rat il-verbal tal-qorti tal-Magistrati diversament preseduta datat l-10 ta' Marzu tas-sena 2010, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata, l-Magistrat hemm sedenti astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz;*

*Rat in-nota t' assenjazzjoni tal-kawza data s-16 ta' Marzu tas-sena 2010, li permezz taghha din il-procedura giet assenjata lill-Magistrat sedenti;*

*Rat il-verbal tar-rapprezentanti legali tal-partijiet datat il-5 ta' Mejju tas-sena 2010, li permezz tieghu konguntivament informaw lill-Qorti li m'ghandhom l-ebda oggezzjoni li x-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u d-dokumenti kollha esebiti jitqiesu daqs li kieku gew mismugha u pprezentati quddiem din il-Qorti kif issa preseduta;*

*Rat il-verbal, ukoll datat il-5 ta' Mejju tas-sena 2010, li permezz tieghu l-istess rapprezentanti legali talbu li t-trattazzjoni legali ssir permezz ta' sottomissjonijiet skritti;*

*Rat id-digriet taghha tal-istess data indikata fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu laqghet it-talba de quo u ikkoncediet termini adegwati ghall-istess skop;*

*Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi pprezentati mir-rapprezentanti legali tal-partijiet;*

*Ikkunsidrat;*

*Illi l-vertenza in dizamina li hi issa limitata ghall-meritu taghha, tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:*

*1. Illi stante li certu Mario Bugeja kien wera x-xewqa li jarma "showroom" bil-prodotti tas-socjeta` rikorrenti, il-partijiet dahlu f' relazzjoni kummercjali bejniethom;*

*2. Illi bi ftehim bejn il-partijiet jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti bdit tforni lil dan Bugeja bil-prodotti taghha fuq bazi ta' "konsenja" u bi prezz bl-ingrossa biex dan jinghata l-opportunita` jarma x-"showroom" tieghu;*

*3. Illi jirrizulta li flimkien mal-imsemmi Bugeja kien hemm certu Emanuel Debono u Chris Camilleri, fejn tal-ewwel qatt ma iffigura fir-relazzjonijiet mas-socjeta` rikorrenti, u tal-ahhar kien jeffettwa l-pagamenti dovuti minn Bugeja lis-socjeta` rikorrenti u jghinu fejn mehtieg;*

*4. Illi s-socjeta` rikorrenti ssostni li l-imsemmi Camilleri, (l-intimat odjern), kien beda jiehu hsieb in-negozju in dizamina ghalkemm r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jsostni li n-negozju involut xorta kien ghadu jsir mal-ismemmi Bugeja;*

*5. Illi jirrizulta li f'xi mument dawn Bugeja u Camilleri iffinalizzaw xi arrangamenti bejniethom izda zammew lis-socjeta` rikorrenti fid-dlam fir-rigward;*

*6. Illi dan finalment spicca biex iddizorjenta lis-socjeta` rikorrenti stante li spiccat ma kenitx taf ma' min kellha aktar tinnegozja u molto piu`, min kien il-persuna li effettivament kienet f'relazzjoni guridika maghha;*

*7. Illi rizultat ta' proceduri legali introdotti kontra l-imsemmi Bugeja rrizulta li r-relazzjoni guridika kienet moghddija lill-intimat Camilleri, u dan, ghall-insaputa tas-socjeta` rikorrenti;*

*8. Illi jirrizulta li kagun tal-proceduri fuq indikati l-intimat odjern "kien baqaghlu xi pendenzi" mas-socjeta` rikorrenti odjerna;*

*9. Illi skont rezokont tar-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti a fol. 23 et sequitur tal-process, is-socjeta` rikorrenti qed titlob l-ammont indikat fir-rikors promotur mill-intimat;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-posizzjoni tal-intimat tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:*

*1. Illi flimkien ma siehbu Manuel Debono l-intimat Camilleri kien involut f'negozju mas-socjeta` rikorrenti;*

*2. Illi f'laqgha li huma kellhom mar-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jirrizulta affermat li n-negozju kien ser jigi effettwat biss bejn is-socjeta` rikorrenti u l-intimat odjern;*

*3. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet bidet tigi mhaddna kif pattwit u kull tant zmien, wara li l-intimat kien jigi hekk mitlub, kien jaffettwa l-pagament mitlub;*

*4. Illi lejn l-ahhar tal-1993 informa lill-kumpaniji nvoluti li kien ser jittermina r-relazzjoni tieghu mas-socjeta` rikorrenti;*

*5. Illi stante li ma kienx hemm qbil rigward l-ammont dovut mill-intimat u rigward il-kwantita` ta' merkanzija li kellha tigi ritornata lis-socjeta` rikorrenti, il-partijiet hassru r-relazzjonijiet li kellhom;*

*6. Illi nonostante li s-socjeta` rikorrenti irredigiet "statement" tal-ammont dovut, dan gie mill-ewwel kontestat mill-intimat li stieden lill-kontroparti biex jiddiskuti d-diskrepanzi riskontrati;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi nonostante l-allegazzjonijiet fuq sintetikament riprodotti s-socjeta` rikorrenti naqset, anke f'dan l-istadju, li telenka bi precizjoni l-ammont lilha allegatament dovut mill-intimat*

*u anke` naqset li telenka bi precizjoni l-merkanzija involuta fir-rigward;*

*Illi kull ma jirrizulta hu xhieda konfuzjonarja pprezentata permezz ta' affidavidijiet u kwantita` ta' proceduri li ma jitfghu l-ebda dawl fuq il-vertenza vera in dizamina;*

*Ghaldaqstant, stante li s-socjeta` rikorrenti ma pprovatx il-kaz taghha skont il-ligi, takkolji r-risposta tal-intimat Camilleri u konsegwentement tirrespingi t-talbiet tal-istess socjeta` rikorrenti, bl-ispejjez.*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Fibermar Company datat 12 ta' Novembru 2010 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tal-intimat Christian Camilleri datata 26 ta' Novembru 2010 a fol 12 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Anna Mifsud Bonnici ghall-appellat u Dr. Alex Schembri ghas-socjeta` appellanti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 26 ta' Ottubru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravji tas-socjeta' appellanti huma (a) li ma kien hemm ebda eccezzjoni moghtija mill-konvenut la darba l-eccezzjonijiet l-ohra kienu gja decizi l-Qorti kellha tilqa' talbiet attrici, ghaliex ma kellhiex allura tidhol fil-mertu, u dan peress li l-Qorti hija marbuta li titratta biss l-eccezzjonijiet li tqajjmu formalment quddiemha u dan anke fuq l-iskorta tas-sentenza fl-ismijiet **"Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited"** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Dicembru 2005) u ghalhekk in vista ta' dan il-Qorti kellha tilqa' t-talbiet attrici; (b) fil-mertu ma tressqet ebda eccezzjoni tant li inghad li l-appellat ammetta li kien hemm pendenzi mal-attur *nomine* kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kawza Avviz Numru 31/1995 deciza fl-4 ta' Marzu 2005 u kif ukoll f'din il-kawza fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2008; (c) il-mertu gie ppruvat tant li gew prezentati sensiela ta' *invoices* u *delivery notes* flimkien ma' *statements* uhud ipprezentati mill-appellat stess inkluz Dok. "BF 1" u wara dan la darba l-appellat sostna li dak l-ammont ma kienx ghadu dovut ghaliex huwa kien irritorna diversi oggetti, kien allura oneru tieghu li jipprova dak minnu allegat, haga li l-istess appellat baqa' ma ghamilx.

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad li ghalkemm huwa minnu li l-Qorti ghandha tiddeciedi biss l-eccezzjonijiet li jigu mressqa formalment fir-risposta guramentata u dan kif gie deciz diversi drabi nkluz fis-sentenzi **"Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited"** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Dicembru 2005) u **"Ignatius Busuttil vs Water Services Corporation"** (A.I.C. (PS) – 12 ta' Jannar 2005), pero' xorta jibqa' l-fatt li l-attur irid jipprova l-allegazzjonijiet tieghu, u allura ma hemm l-ebda dubju li tenut kont tal-fattispecie tal-kaz, dak huwa li l-Ewwel Qorti ghamlet u cjoe' li rat jekk l-attur nomine ppruvax l-allegazzjonijiet tieghu fil-grad rikjest mill-ligi u dan kien jirrikjedi ezami ta' provi prodotti u dan giet mistiedna taghmlu mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata 12 ta' Gunju 1999 (Avviz Numru 462/05 – fol. 174) stess fl-istess kawza odjerna fejn inghad li *"l-Qorti mhix qed tammetti t-talba attrici ghaliex il-kwantum tal-kreditu pretiz huwiex gustifikat jew le jiddependi mill-*

*valutazzjoni tal-provi fil-mertu, u dak ta' dizimpenn ta' l-oneru mis-socjeta' attrici li ssostni dak il-kwantum mitlub. Ezercizzju dan li, opportunament, jixraq li jerga jsir mill-ewwel Qorti biex ukoll ma jintilefx ghall-partijiet il-beneficcju tad-doppio esame fil-kaz ta' appell mill-eventwali sentenza".* Fil-fatt il-kawza giet rimandata quddiem l-Ewwel Qorti ghall-ezami u definizzjoni minnha tat-talba attrici fl-ambitu tal-provi in atti u hekk fil-fatt ghamlet l-Ewwel Qorti u allura dan ma huwiex kaz fejn il-Qorti kkonsidrat eccezzjonijiet li ma tqajjmux formalment mill-appellat, izda biss kaz ta' ezami ta' provi fuq il-massima li min jallega jrid jipprova. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Illi in kwantu t-tieni aggravju, dan jirreferi ghall-istess haga fejn qed jinghad li ma kienx hemm ebda eccezzjoni fil-mertu, din il-Qorti qed toqghod fuq dak li ghadu kemm gie deciz minnha, u ghalhekk din il-parti hekk limitata dwar it-tieni aggravju qed  tigi wkoll rigettata.

Illi kwantu fil-mertu veru huwa principju li din il-Qorti affermat diversi drabi li f'dak li huwa apprezzament ta' provi hija ma tiddisturbax facilment id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti hlief meta jirrizulta li jkun sar zball manifest li jkun ippregudika serjament l-andament tal-kawza u kkawza ingustizzja lill-parti lesa. Dan huwa kaz fejn il-Qorti bir-rispett dovut thoss li l-Ewwel Qorti naqset serjament ma sostniet b'mod mill-iktar superficjali li s-socjeta' attrici ma rnexxilhiex tipprova l-allegazzjonijiet taghha u dan peress li skond hija hemm xhieda konfuzjonarja prezentata permezz ta' affidavits u skond hija kwantita' ta' proceduri li ma jitfghu ebda dawl fuq il-vertenza vera in disamina.

Illi dan ghamlitu minghajr ma tat kaz tal-fatt li l-appellat fil-fatt kien ammetta li kien hemm ammont dovut izda ma kienx qed jaqbel mal-ammont pretiz mis-socjeta' attrici. Fil-fatt id-dikjarazzjonijiet maghmula mill-konvenut appellat anke quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2008, fejn sostna li kellu jaghti l-ammont indikat fid-Dok. "BF 3" (fol. 27) u fejn huwa qal li l-qaghda inbidlet minn dak in-nhar ghaliex huwa radd lura diversi

merkanzija, izda ma eskludix li kien hemm xi ammont dovut, ma hija xejn hlief ammissjoni, tant li din il-Qorti tal-Appell fis-sentenza citata sostniet li ghalkemm dan ma jfissirx li qed jaccetta l-ammont mitlub, pero' dan ifisser li huwa rrinunzja ghall-preskrizzjoni u allura ssegwi li l-pendenza irrisolviet ruhha dwar kemm kien l-ammont li kien dovut mill-konvenut, kemm il-darba fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni tal-konvenut, huwa ma jippruvax li effettivament irritorna l-oggetti li qal li huwa rritorna, iktar u iktar abbazi tal-ammont indikat minnu, oneru li din id-darba kien jispetta lilu.

Illi fi kliem iehor la darba l-konvenut appellat ammetta li huwa kellu jaghti fid-data ndikata l-ammont ta' Lm2,933.19 (Dok. "BF 1") u la darba fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2005 (fol. 89), huwa sostna li dan l-ammont ma ghadux dovut ghaliex huwa rritorna diversi oggetti, li ma kienx lanqas jaf kemm, mela allura kien oneru tieghu li jipprova dan, haga li assolutament huwa ma ghamilx f'din il-kawza. L-istess posizzjoni tibqa' jekk wiehed ihares lejn ix-xhieda tal-konvenut datata 10 ta' Lulju 2008, fejn jiddefendi ruhu biss fuq l-pretiza li s-socjeta' attrici qatt ma qablet mal-ammont li huwa kien ammetta (fol. 91) u dan huwa fl-opinjoni ta' din il-Qorti fatali ghat-tezi tal-konvenut. Hawn il-Qorti ma tistax taccetta l-argumentazzjoni li ghamel dwar l-istess l-appellat fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu datata 3 ta' Settembru 2010 li la darba s-socjeta' attrici ma accettatx dan l-ammont, din ma baqghetx ammissjoni, izda biss nuqqas da parte attrici li tipprova l-allegazzjonijiet taghha, u dan peress li mid-data ta' tali ammissjoni, f'dan il-kaz lanqas generika izda ta' ammont specifiku, li l-appellat qed jghid li ma huwiex dovut ghaliex irritorna diversi oggetti lura, mela allura l-oneru tal-prova dar fuqu sabiex jipprova li verament huwa rritorna l-oggetti tal-valur indeterminat minnu allegat, haga li assolutament l-istess konvenut naqas li jaghmel u ghalhekk fid-dawl tal-premess din il-Qorti thoss li ma tistax taqbel mal-konkluzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti, li lanqas biss ikkunsidrat din l-ammissjoni konsistenti tal-konvenut, u n-nuqqas ta' prova wara tali ammissjoni tal-oggetti ritornati minnu.

Illi minn naha l-ohra f’din il-kawza x-xhieda tal-attur kienet wahda konsistenti dwar l-ammonti minnu mitluba fl-avviz mertu tal-kawza odjerna u l-affidavits tieghu tat- 23 ta’ Mejju 2006 (fol. 13) u dak tal-21 ta’ Mejju 2007 u d-dokumenti minnu esebiti bhala Dok. “BF 1” sa “Dok. “BF 3” huma konsistenti mat-tezi tieghu konstanti f’din il-kawza u ghalhekk bir-rispett jinghad li kontrarjament ghal dak li sostniet l-Ewwel Qorti, din il-Qorti thoss li s-socjeta’ attrici anke kif elenkat fir-rikors tal-appell f’dik il-parti intitolata II. MERTU PRUVAT, (li hija riassunt tal-provi kollha migjuba quddiem l-Ewwel Qorti) ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi dak minnha allegat fl-azzjoni attrici, fil-waqt li l-konvenut naqas li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu, iktar u iktar in vista tal-ammissjoni minnu indikata, u n-nuqqas tieghu li jressaq kwalunkwe grad ta’ prova li huwa wara tali ammissjoni rritorna diversi oggetti lis-socjeta’ attrici, allegazzjoni li baqghet mhux sostanzjata bl-ebda mod – tant li din il-Qorti thoss li tant kien karenti l-appellat fuq dan il-punt, li lanqas biss ittenta jipprova dan u dan ghaliex proprju materjal probatorju f’dan ir-rigward ma kellux. Hawn hija ta’ rilevanza proprju d-decizjoni citata mill-konvenut fin-nota ta’ osservazjonijiet tieghu datata 3 ta’ Settembru 2010 (fol. 198) fejn inghad li fejn hemm zewg versjonijiet konfliggenti il-Qorti ghandha tislet l-aktar wahda attendibbli, kredibbli u verosimili skond id-decizjoni hemm citata **“Fogg Insurance Agency Limited nomine vs Maryanne Theuma”** (A.I.C. (PS) – 22 ta’ Novembru 2001) u f’dan il-kaz din il-Qorti thoss li ma hemm ebda dubju li l-versjoni attrici hija l-iktar wahda konsistenti, kredibbli u verosimili, u korroborata mid-dokumenti esebiti. Ghalhekk dan l-ahhar aggravju qed jigi milqugh peress li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati mix-xhieda attrici u mid-dokumenti minnu esebiti, fil-waqt li l-versjoni tal-appellat/konvenut ma hijiex kredibbli u wisq inqas giet b’xi mod sostanzjata b’dan li f’dan ir-rigward din il-Qorti taqbel ma’ dak espress fl-ewwel paragrafu tal-ghaxar (10) faccata tar-rikors tal-appell tas-socjeta’ attrici.

Illi konsegwentement ghal dan, il-Qorti qed tilqa’ l-appell tas-socjeta’ appellanti biss fis-sens hawn deciz, qed thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti datata 26 ta’ Ottubru 2010, u minflok qed tilqa’ t-talba attrici kif

intavolata, fl-ammont ta’ Lm3,082 u Lm530 bl-imghax legali mid-data tat-28 ta’ Gunju 1994 sal-effettiv pagement u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat Christian Camilleri.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-intimat Christian Camilleri datata 26 ta’ Novembru 2010 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ l-appell interpost mis-socjeta’ appellanti Fibermar Company Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 12 ta’ Novembru 2010 biss in kwantu l-istess huwa konsistenti ma’ dak hawn deciz, b’dan li thassar u tirrevoka ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta’ Ottubru 2010 fl-ismijiet “Fibermar Company Limited vs**
**Christian Camilleri” (Avviz Numru 462/2005) b’dan li tilqa’ t-talba attrici kif kontenuta fl-Avviz datat 5 ta’ Awwissu 2005 u tikkundanna lill-konvenut appellat Christian Camilleri jhallas lis-socjeta’ attrici (1) s-somma ta’ seba’ t’elef mija u disgha u sebghin ewro u tlettax il-centezmu (€7,179.13) ekwivalenti ghall-tliet elef u tnejn u tmenin Lira Maltin, (Lm3,082), dovuti mill-intimat bhala l-bilanc tal-prezz ta’ diversi prodotti lilu mibjughin u kkonsenjati mill-istess socjeta` rikorrenti; u (2) is-somma ulterjuri ta’ elf, mitejn u erbgha u tletin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€1,234.57) ekwivalenti ghall-hames mija u tletin Lira Maltin, (Lm530), dovuti minnu bhala l-valur ta’ numru ta’ prodotti lilu kkonsenjati mis-socjeta` rikorrenti, fiz-zmien illi kien qed jiggestixxi n-negozju tieghu gewwa hanut bl-isem “Fibermar Gozo” fi Triq Borg Olivier, Victoria, Ghawdex, izda li naqas li jirritorna u jrodd lura lill-istess socjeta` rikorrenti wara li ttermina l-gestjoni tal-istess imsemmi negozju, bl-imghaxijiet kummercjali b’effett mit-28 ta’ Gunju 1994 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat appellat.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat appellat Christian Camilleri.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------